**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**Spettur Stacy Attard**
**vs**
**Paul Vella**

**Distrett Rabat**

**Illum 11 ta' Settembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat lil Paul Vella, detentur tal-karta tal-identita' 788952M.

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Jannar, 2019 ghal habta ta' 16:00 hrs gewwa F/H Ta' Pirru, l-Buskett l/o Rabat Malta:

1. Bhala persuna li kellu xi kelb taht il-kontroll tieghu, halla lil dak il-kelb jiggerra f'xi triq jew f'post pubbliku iehor, minghajr ma kellu kontroll tieghu jew minghajr ma zammu b'cinga.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioè affidavit ta' PC 934 Owen Bilocca.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Marianne Scerri.

Semghet ix-xhieda tad-Difiza u cioe' lil Joseph Micallef.

Semghet lil Paul Vella jixhed b'mod volontarju fil-prezenza tal-Avukat difensur tieghu.

**PC 934 Owen Bilocca**, jghid li fl-14 ta' Jannar, 2019 gewwa l-Ghassa tar-Rabat, Malta, Marianne Scerri marret tirraporta li dak inhar stess ghal habta tal-16:00 hrs waqt li kienet qeghda gewwa r-residenza taghha, dahlu zewg iklieb tar-razza tal-'fenek' ta' kulur kanella gewwa d-drive-in taghha, u qatlu l-qattus ta' Marianne Scerri. Tispjega li sid il-klieb huwa Paul Vella u stqarret li din ma kienitx l-ewwel darba li dawn il-klieb dahlu gewwa l-proprjeta' taghha. Inoltre spjegajt li d-drive-in taghha huwa maghluq bix-xatba u dan l-incident ratu b'ghajnejha. Paul Vella mar l-Ghassa tar-

Rabat, Malta fl-14 ta' Jannar, 2019 ghal habta ta' 18:00 hrs u nghata d-dritt li jikkonsulta mal-Avukat, liema dritt Paul Vella rrinunzja ghalih. Paul Vella nnega mal-pulizija li dawk il-klieb huma tieghu, stante li waqt il-hin tal-incident, il-klieb tieghu kienu mieghu fil-karozza. Zied jghid li mhux kelb wiehed ikun hemm jigru barra stante li fl-akwati hemm hafna rziezet u ghalhekk ma kienux il-klieb tieghu li qatlu l-qattus ta' Marianne Scerri.

**Marianne Scerri**, tispjega li ghal habta tal-4:00 p.m. il-qtates taghha kienu qeghdin fil-kennels taghhom, u mit-tieqa tal-kamra tas-sodda taghha hija rat il-klieb idahhlu rashom fil-kennels u jahftu l-qattusa. Sahansitra, hija kellha taghti daqqa ta' kanna lil dan il-kelb li hataf il-qattusa sabiex jitlaq l-istess qattusa. Hija tghid li bhala perjodu kien zmien ix-xitwa tas-sena 2019 ghaliex f'dik il-gurnata partikolari kien il-maltemp. Hija tikkonferma li l-klieb huma ta' Paul Vella stante li kellha diversi kwistjonijiet mal-istess Paul Vella. Marianne Scerri tghid li hija rat iz-zewgt iklieb jidhlu minn go xatba maghluqa sabiex jahftu l-qattusa. Fil-fatt, ghandha zewgt iklieb tar-razza Chihuahua li ma thallihomx fil-bitha stante li tibza' li dawn il-klieb ta' Paul Vella jidhlu u jahtfuhom. Hija tikkonferma li l-kelb li hataf il-qattusa taghha wegga bid-daqqa ta' kanna li tatu.

**Paul Vella**, jispjega li dak inhar tal-incident, il-klieb kienu fil-vann tieghu, Fl-4:15 p.m. zarma mix-xoghol u mar ghand habib tieghu u fil-5:15 p.m. telaq id-dar jorqod. Jikkonferma li l-klieb baqghu l-hin kollu gewwa l-vann. Jghid li fl-akkwati jkun hemm diversi klieb ohra jigru barra.

**Joseph Micallef**, spjega li huwa kien ilu jaf lill-imputat u kien jigi ta' spiss ghandu u kien ra il-klieb tieghu gewwa l-vann li huwa ghandu tar-razza tal-kacca. Huwa kien ta deskrizzjoni ta' zeewgt klieb minnhom li kienu wiehed kannella, u l-iehor abjad bil-kannella. Ghalkemm kien jaf li kellu t-tielet wiehed fil-vann ma kienx jaf x'kulur kien ghax kien dejjem joqghod fuq wara tal-istess vann.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Marianne Scerri ghamlet rapport mal-Pulizija fl-14 ta' Jannar 2019 fejn qattus li kellha gewwa l-propjeta' taghha gewwa r-Rabat safa' maqtul meta zewgt iklieb tar-razza tal-fenek ta' lewn kannella dahlu gewwa fid-drive-in taghha. Illi meta xehdet fis-seduta mizmuma nhar it-28 ta' Mejju 2019, qalet li kienet rat dawn iz-zewgt klieb jaqbdu l-qattusa u biex twaqqafhom kellha taghti daqqa ta' kanna fuq wiehed mill-klieb u ghalhekk harbu minn fuq il-post. Skont hi, dawn il-klieb kienu tal-imputat Paul Vella. L-unika haga li skont hi li torbot lill-imputat mal-klieb kienet li gieli rathom fil-vann tieghu. Dakinnhar l-imputat ma kienx deher imkien fl-akwati fejn toqghod hi. Minn naha tal-imputat huwa xehed li l-klieb ikunu dejjem mieghu u qatt ma jkunu jigru kif qieghda tallega Marianne Scerri. Illi huwa zied li m'ghandhux klieb tar-razza tal-fenek kannella izda wiehed imhallat ta' kulur iswed. Illi ghalhekk ma setghux kienu l-klieb tieghu li qatlu l-qattusa. Waqt li mid-deskrizzjoni li ta x-xhud Joseph Micallef li Paul Vella jzomm klieb fil-vann tieghu u li huma tal-ghamla tal-kacca u mhux tal-fenek kif gie deskritt minn Marianne Scerri.

**Ikkunsidrat**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-persuna tigi ddikjarata hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** fejn gie ritenut li:

> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss

li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities'* u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Din il-Qorti ghalhekk trid tifli minn dak li qal l-imputat u x-xhieda sabiex tasal ghal sejbien ta' htija jew le.

**Ikkunsidrat**
Illi f'dan il-kaz jezistu zewg verzjonijiet differenti ghall-ahhar kemm minn dak li qal l-istess imputat u anki minn dak li qalet l-istess parte civile. Illi ebda xhud iehor ma jista' jitfa l-piz tal-kaz ghal naha jew ohra. Illi pero' ghandu jinghad li hemm fattur importanti li l-prosekuzzjoni naqset milli taghmel. Jidher b'mod car li l-kwerelanta marret taghmel rapport mal-Pulizija rigward dan il-kaz u min-naha tal-Pulizija kull ma ghamlu kien li baghtu ghall-imputat fejn dan innega kollox u l-kaz waqaf hemm. L-unika soluzzjoni li ghazlu l-Pulizija kien li l-kaz jithalla ghal Qorti sabiex tara hi. Dan m'ghandhux ikun il-kaz ghaliex kien fid-dover tal-Pulizija li ggib l-aqwa prova u naqset li taghmel dan. Il-Pulizija naqsu milli jikkonfermaw li effettivament kien hemm xi klieb jigru dak il-hin jew jiccekkjaw lil Paul Vella jaraw huma xi klieb ghandu, jew ta' l-inqas jaraw u jivverifikaw l-ingurji li saru lill-qattus fil-kawza. Minn dak li qalet l-istess kwerelanta qalet b'mod car li l-klieb kienu tar-razza tal-fenek u li wiehed minnhom qala' daqqa ta' kanna. Kif gia nghad, il-Puliizja naqsu milli jivverifikaw jekk fil-fatt l-imputat kellux klieb tar-razza tal-fenek, sabiex l-istess parte civile taghraf il-klieb u lanqas ma raw jekk fil-fatt xi klieb tal-istess imputat kellux xi griehi minhabba d-daqqa li tat bil-kanna l-parte civile.

Illi ghalhekk minn dawn il-fatti din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li l-klieb li attakkaw il-qattusa ta' Marianne Scerri kienu l-klieb tal-imputat. Illi ma tresqet l-ebda prova almenu tar-ritratti tal-klieb sabiex jigu identifikati mill-parte civile jew li ngiebu membri tal-Animal Welfare biex jaraw f'liema stat kienu dawn il-klieb u kif qieghdin jinzammu u fuq kollox jekk kienx hemm xi wiehed minn dawn li seta' sofra xi daqqa sabiex jigi zgurat dwar il-fatti li l-parte civile semmiet dwar id-daqqa li hija tat lil wiehed minnhom.

**Decide:**
**Ghaldaqstant wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 3 tal-Avviz Legal 312.01 qieghda tillibera lill-imputat Paul Vella stante li ma giex ippruvat li dawk il-klieb kienu jappartjenu lilhu.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**